MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru 424/2006

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

Vs.

Mark Anthony Pollacco

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat, detentur tal-karta tal-identità numru 92673(M) akkuzat talli:

1. fil-perjodu ta' bejn Novembru 2005 u Marzu 2006, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,

jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu tas-Socjetà Sesco Investments Limited u xi persuni ohra. Dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9;

2. fl-istess data u lok, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioé sett invoices li jappartjenu lis-Socjetà Sesco Investments Limited, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 183 tal-Kap 9;

3. fl-istess data u lok, xjentament ghamel uzu mill-istess att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privatt att, kitba jew skrittura falza hekk kif fuq imsemmija. Dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 184 tal-Kap 9;

4. appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacità tieghu ta' saleseman taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat u cioé appropja ruhu minn flejjes migbura liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn Lm1,000.00, liema flejjes jappartjenu lis-Socjetà Sesco Investments Limited u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju. Dan bi ksur tal-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap 9;

5. b'hekk Mark Pollacco kiser il-provediment ta' probation b'zewg sentenzi datati 16/06/04 u 22/02/05.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Semghet lill-imputat fl-ewwel udjenza li fiha inqrat l-akkuza jammetti fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat il-verbal tat-13 ta' Ottubru 2008;

Rat ir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation ippresentat fl-udjenza tal-10/11/2008 li fil-parti konkluziva jghid "…li fil-present Mark Anthony Pollacco qed jghix hajja nstabbli, kemm fuq l-aspett socjali u kif ukoll dak personali."

Regghet semghet l-Ufficcjal tal-Probation fl-udjenza tat-8 ta' Gunju u d-9 ta' Lulju 2009.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat fuq liema hu insista u wara li semghet lill-Ufficcjal tal-Probation tiddeciedi li tiddisponi mill-kawza billi tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------